

Home>Court procedures>Criminal cases>Judicial cooperation>European Arrest Warrant

Mandat ta' arrest Ewropew

Il-Mandat ta' Arrest Ewropew ("MAE") huwa proċedura ta' ċediment ġudizzjarju ssemplifikata – għall-fini ta' prosekuzzjoni jew eżekuzzjoni ta' sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni. Mandat maħruġ minn awtorità ġudizzjarja ta' pajjiż tal-UE huwa validu għat-territorju kollu tal-UE. Il-mandat ta' arrest Ewropew ilu jopera mill-1 ta' Jannar 2004. Huwa ssostitwixxa l-proċeduri ta' estradizzjoni tval li kienu jeżistu bejn il-pajjiżi tal-UE.

Kif jaħdem

Il-MAE hu talba minn awtorità ġudizzjarja f'pajjiż tal-UE għall-**arrest ta' persuna** f'pajjiż ieħor u **blex tiġi ċeduta** għall-prosekuzzjoni, jew għall-eżekuzzjoni ta' priġunerija jew ordni ta' detenzjoni fl-ewwel pajjiż. Il-mekkaniżmu huwa bbażat fuq il-prinċipju ta' rikonossiment reċiproku tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji. Huwa jopera fil-pajjiżi kollha tal-UE

Huwa jopera permezz ta' kuntatti diretti bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji.

Fl-applikazzjoni tal-mandat, l-awtoritajiet iridu jirrispettaw id-**drittijiet proċedurali tal-persuni suspettati jew akkużati** – bħad-dritt għall-informazzjoni, id-dritt għal avukat, u possibbilment għal interpretu, u għall-għajjnuna legali kif stipulat mil-liġi fil-pajjiż fejn ikunu ġew arrestati.

Kif inhu differenti mill-estradizzjoni tradizzjonali?

Termini stretti

Il-pajjiż fejn il-persuna tiġi arrestata jrid jieħu deċiżjoni finali dwar l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew fi żmien 60 jum mill-arrest tal-persuna.

Jekk il-persuna tagħti l-kunsens tagħha għaċ-ċessjoni, id-deċiżjoni taċ-ċessjoni trid tittieħed fi żmien 10 ijiem.

Il-persuna rikjesta trid tiġi ċeduta mill-aktar fis f'data miftiehma bejn l-awtoritajiet ikkonċernati, u mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem mid-deċiżjoni finali dwar l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew.

Verifika ta' kriminalità doppja – mhux aktar meħtieġa għal

32 kategorija ta' reati, ma hemm l-ebda verifika dwar jekk l-att huwiex reat kriminali fiż-żewġ pajjiżi. L-uniku rekwiżit hu *li jkun iġorr piena ta' perijodu massimu ta' mill-inqas tliet (3) snin priġunerija fil-pajjiż li joħroġ il-mandat*.

Għal reati oħra, iċ-ċediment jista' jkun suġġett għall-kundizzjoni li l-att jikkostitwixxi reat fil-pajjiż eżekutorju.

Ebda involviment politiku

Id-deċiżjonijiet jittieħdu mill-awtoritajiet ġudizzjarji waħedhom, mingħajr ebda konsiderazzjoni politika involuta.

Ċessjoni ta' ċittadini

Il-pajjiżi tal-UE ma għadhomx jistgħu jirrifjutaw li jċedu liċ-ċittadini tagħhom, sakemm ma jeżegwix is-sentenza ta' priġunerija huma stess kontra l-persuna riċerkata.

Garanziji

Il-pajjiż li jeżegwixxi l-MAE jista' jirrikjedi garanziji li:

a. wara ċertu perijodu l-persuna jkollha **d-dritt li titlob revizzjoni**, jekk il-piena imposta tkun ta' **għomor priġunerija**.

b. il-persuna riċerkata tista' sservi kwalunkwe **żmien ta' priġunerija li jirriżulta fil-pajjiż eżekutorju**, jekk tkun ċittadina jew residenti abitwali f'dak il-pajjiż.

Raġunijiet limitati għal kaħda

Pajjiż jista' jiċħda ċ-ċessjoni tal-persuna mitluba biss jekk tapplika waħda mir-raġunijiet għal kaħda obligatorja jew fakultattiva:

Raġunijiet obbligatorji

il-persuna kienet **diġà ġudikata fuq l-istess reat** (*ne bis in idem*)

minuri (il-persuna ma tkunx għadha laqnet l-età ta' responsabilità penali fil-pajjiż eżekutorju)

amnestija (il-pajjiż eżekutorju seta' jipproċedi kontriha, u r-reat huwa kopert minn amnestija f'dak il-pajjiż).

Raġunijiet fakultattivi – bħal:

nuqqas ta' kriminalità doppja għal reati oħra barra mit-32 reat elenkat fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-MAE

ġurisdizzjoni territorjali

proċedura kriminali pendenti fil-pajjiż eżekutorju

preskrizzjonijiet, eċċ.

Manwal dwar Kif Jinħareġ u Jiġi Eżegwit MAE

Il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat **Manwal dwar Kif Jinħareġ u Jiġi Eżegwit Mandat ta' Arrest Ewropew** [PDF](#) (2002 Kb) [en](#), biex tiġi ffaċilitata u ssemplifikata l-ħidma ta' kuljum tal-awtoritajiet ġudizzjarji kkonċernati. Il-Manwal jipprovdi gwida dettaljata dwar il-passi proċedurali għall-ħruġ u l-eżekuzzjoni ta' MAE. Il-Manwal jipprovdi wkoll spjegazzjoni sħiħa tal-każistika l-aktar importanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li tinterpreta dispożizzjonijiet partikolari tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-MAE.

Il-manwal bil-lingwi kollha jista' jinstab hawn: BG [PDF](#) (2700 Kb) [bg](#), CS [PDF](#) (1854 Kb) [cs](#), DA [PDF](#) (1766 Kb) [da](#), DE [PDF](#) (1659 Kb) [de](#), ET [PDF](#) (1783 Kb) [et](#), EL [PDF](#) (2439 Kb) [el](#), ES [PDF](#) (1649 Kb) [es](#), FR [PDF](#) (1892 Kb) [fr](#), HR [PDF](#) (1789 Kb) [hr](#), IT [PDF](#) (2141 Kb) [it](#), LV [PDF](#) (2158 Kb) [lv](#), LT [PDF](#) (1865 Kb) [lt](#), HU [PDF](#) (1908 Kb) [hu](#), MT [PDF](#) (2560 Kb) [mt](#), NL [PDF](#) (2047 Kb) [nl](#), PL [PDF](#) (2200 Kb) [pl](#), PT [PDF](#) (1968 Kb) [pt](#), RO [PDF](#) (1926 Kb) [ro](#), SL [PDF](#) (1797 Kb) [sl](#), SK [PDF](#) (1977 Kb) [sk](#), FI [PDF](#) (2172 Kb) [fi](#), SV [PDF](#) (1591 Kb) [sv](#).

Statistika dwar l-użu ta' MAE

Fl-2017, bħala medja, il-persuni mifttixja ġew ċeduti:

b'kunsens - fi **15-il jum**

mingħajr kunsens - f'**40 jum**.

Risposti għall-kwestjonarju dwar il-MAE: [2014](#) | [2015](#) | [2016](#) | [2017](#)

Id-*data* mhix disponibbli għall-pajjiżi kollha; madankollu, id-*data* tal-MAE li nħarġu hija kompluta għall-2015, 2016 u 2017.

	2005	2006	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013	2014	2015	2016	2017
Maħruġin	6 894	6 889	10 883	14 910	15 827	13 891	9 784	10 665	13 142	14 948	16 144	16 636	17 491
MAE eżegwiti	836	1 223	2 221	3 078	4 431	4 293	3 153	3 652	3 467	5 535	5 304	5 812	6 317

Proġetti ffinanzjati taħt il-Programm Ġustizzja

Il-proġett ta' riċerka [InAbsentiaEAW](#) huwa studju legali komparattiv fil-Mandati ta' Arrest Ewropej relatati ma' persuni li ma kinux preżenti fil-proċedimenti li wassal għall-kundanna tagħhom (proċedimenti *in absentia*). Il-prattika turi li ta' spiss ikun hemm problemi fil-ħruġ u fl-eżekuzzjoni ta' tali MAE. L-għan tal-proġett ta' riċerka kien li jiġu analizzati l-kawżi għal dawn il-problemi u li jiġu fformulati standards komuni għall-ħruġ ta' tali MAE sabiex tiġi żgurata l-eżekuzzjoni tajba u ġusta tagħhom. Ir-riċerka twettqet permezz ta' studji ta' każijiet mill-Belġju, l-Ungerija, l-Irlanda, in-Netherlands, il-Polonja u r-Rumanija.

Foloq relatati

[Deċiżjoni Qafas dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew](#)

L-aħħar aġġornament: 28/10/2020

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.